**15 ta' Awissu, 1987**

***Imħallfin: –***

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D.**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Marie Louise Coleiro, Segretarja Ġenerali, għan-nom u in rappresentanza *tal-Malta Labour Party*

*versus*

Il-Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà ta' Espressjoni – *Meetings* Pubbliċi – Permess għall- – Diskriminazzjoni**

*Ir-rikorrenti kienet applikat biex iżżomm metting pubbliku f'post u ħin determinati. Il-Pulizija kienet irrifjutat din l-applikazzjoni billi f'dak il-post u ħin kienet qiegħda tiġi organizzata festa pubbliku minn partit ieħor, imma intimat li kienet pronta tikkonsidra li dak il-meeting jiġi miżmum f'post u ħin differenti. Ir-rikorrenti allegat li hija sofriet diskriminazzjoni u ġie lilha miċħud id-dritt għall-libertà ta' espressjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-intimat Kummissarju tal-Pulizija kellu d-dritt juża d-diskrezzjoni tiegħu fl-għoti ta' permessi għaż-żamm ta' meetings, b'mod li jevita li organizzazzjonijiet politiċi differenti jżommu l-attivat tagħhom fl-istess ħin u lok, u dan fl-interess taż-żamm tal-buon* ordni u r-rispett tad-drittijiet ta' kulħadd.

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fit-12 ta' Awissu, 1987, quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li bih Marie Louise Coleiro fil-kwalità tagħha msemmija, wara li ppremettiet illi l-partit minnha rrappreżentat għamel avviż formali fit-8 ta' Awissu, 1987, ħalli jkun jista' jagħmel *meeting* pubbliku f'Marsalforn, Għawdex, fis-16 ta' Awissu, 1987, mis-2.00 p.m. 'il quddiem;

Illi f'dak il-jum li saret l-applikazzjoni ma kien hemm l-ebda applikazzjoni oħra minn persuna jew partit politiku ieħor. U għalhekk skond il-liġi u l-prattika kellu jinħareġ il-permess relattiv;

Illi s-Segretarja Ġenerali tal-Partit għamlet diversi telefonati lill-uffiċċju tal-Pulizija, u għalkemm kienet imwiegħda verbalment li l-permess relattiv se joħroġ dan s'issa ma ħariġx;

Illi l-fatt li ma jinħariġx permess formalment, u dan għal *meeting* pubbliku, huwa ksur tad-drittijiet fundamentali protetti mill-kostituzzjoni, kemm ta' l-esponenti *nomine*, u ċjoè tal-libertà ta' l-għaqda u assoċjazzjoni, (art. 42) u tal-libertà ta' l-espressjoni (art. 41); *(sic)*;

Illi huwa dritt ta' l-esponenti li jinżamm dan il-*meeting*, u d-dewmien tal-Kummissarju tal-Pulizija, li mhux qed jaġixxi skond il-liġi, minkejja li qed jinqeda bil-liġi, huwa wkoll diskriminatorju, u dan għal raġuni politika, u għalhekk huwa kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem protetti mill-Kostituzzjoni;

Talbet li dik il-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, tagħti dawk id-direttivi u torħoġ dawk l-atti li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq ta' l-artikoli 41, 42 u 45 tal-Kostituzzjoni, fosthom li tiddikjara lill-intimati ħatja ta' ksur ta' l-istess disposizzjonijiet;

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppreżentata fit-13 ta' Awissu, 1987 li fiha huma qalu:

(1) Illi l-intimat Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja hu kompletament estraneju għall-kawża u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

(2) Illi t-talbiet fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma hemm l-ebda ksur ta' xi dritt fundamentali vvantat;

(3) Illi fil-mument illi ġie ppreżentat ir-rikors promotur ma kien hemm l-ebda att ta' l-esponenti li bih ġie pprojbit il-

*meeting* in kwistjoni u għalhekk skond il-liġi f'dak il-mument il-*meeting* kien għadu jista' jsir;

(4) Illi fil-fatt, wara illi ġie pprezentat ir-rikors promotur, u indipendentement mill-istess, fit-tnax ta' Awissu, 1987, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ħareġ l-ittra (Dok. A) fejn a tenur tas-sub-artikolu 1 ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 108 ordna li l-*meeting* għar-raġunijiet imsemmija fl-istess dokument ma jsirx fil-lok imsemmi;

(5) Il-fatt illi r-rikorrenti pprezentat ir-rikors qabel ma ħareġ l-ordni ta' l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija, juri kif iċ-ċirkostanzi kienu fattwalment tali, illi anke r-rikorrenti stess kienet tistenna li l-*meeting* minnha avżat ma jkunx jista' jinżamm f'dak il-lok;

(6) Illi apparti s-suespost l-ordni maħruġa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija kienet ordni maħruġa a tenur ta' liġi li tagħmel provvediment illi hu meħtieġ għaż-żamma tal-buon ordni u biex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra, u kemm il-liġi u kif ukoll l-ordni huma raġonevolment meħtieġa u ġustifikabbli f'soċjetà demokratika;

(7) Illi meta ngħata l-permess għall-festa pubblika lill-Partit Nazzjonalista ma kien hemm l-ebda talba mill-Partit rappreżentat mir-rikorrenti u għalhekk ma jistax ikun li saret xi għażla fuq bażi diskriminatorja. Ir-raġunijiet l-għala ħareġ l-ordni (Dok. A) ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' raġunijiet ta' twemmin politiku u għalhekk hi wkoll respinta l-akkuża ta' diskriminazzjoni politika;

B'riserva ta' eċċezzjoni ulterjuri;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ulterjuri tat-13 ta' Awissu, 1987, li fiha l-intimati qalu:

(1) Illi r-rikors promotur hu null peress illi ma ġiex iffirmat minn Avukat, *stante* illi ż-żewġ persuni illi ffirmaw l-istess barra mill-prokuratur legali, huma preklużi skond l-artikolu 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) milli jaġixxu bħala Avukati fil-każ odjern;

(2) Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija f'ittra in data 12 ta' Awissu, mibgħuta lir-rikorrenti spejga x'inhija l-posizzjoni l-għala ma jistax isir il-*meeting* fil-post u fil-ħin rikjest minnha. Infatti l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien ġie avżat fl-24 ta' Lulju, 1987, mill-Partit Nazzjonalista li fis-16 ta' Awissu, 1987, f'Marsalforn kien ser jorganizza festa Familja u d-dettalji ta' din il-festa ġew spjegati b'ittra tas-6 ta' Awissu, fejn intqal li din l-attività ser tkun imxerrda ma' tul il-ġurnata kollha u tikkonsisti fost affarijiet oħra fi *stands* ta' logħob, varjetà – marċi u tlielaq fil-baħar. Rigward din il-festa pubblika l-Partit Nazzjonalista kien ġie infurmat illi l-Pulizija laqgħet li jsir dak li ġie avżat. Fit-8 ta' Awissu, 1987, daħlet l-applikazzjoni tal-*Malta Labour Party* biex iżomm *meeting* fl-istess post f'Marsalforn u fl-istess ħin mis-1.00 p.m. sa d-9.00 p.m. li fih kien ser isiru l-attivitajiet proposti, milqugħa u mxandra mill-Partit Nazzjonalisa. Illi l-Gvern preċedenti kien ta direttiva illi meetings pubbliċi ta' partit jingħataw preċedenza fuq manifestazzjonijiet oħra **fi żmien ta' Kampanja Elettorali,** fatt illi hu kompletament assenti llum, għalhekk it-talba tar-rikorrenti hi nfondata;

L-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jagħti li fl-istess post u fl-istess ħin li qed issir manifestazzjoni pubblika oħra, jagħti wkoll permess li jsir *meeting* pubbliku li fil-fatt ġie rreklamat bħala festa tal-*Labour* li tinkludi dejjem fl-istess post u ħin, Bajja Fest, marċijiet, kant u *display* (*vide* Orizzont 11, 12 u 13 ta' Awissu, 1987);

Illi għalhekk l-intimat fil-waqt illi mhux f'posizzjoni li jista' jħalli l-*meeting* u l-attivitajiet proposti mill-*Malta Labour Party* li jsiru, spjega lir-rikorrenti li kompatibilment mad-doveri fuqu imposti mil-liġi hu lest li jikkonsidra pożittivament avviż ta' *meeting*, f'Għawdex inkluż, jekk dan isir mill-*Malta Labour Party;*

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Awissu, 1987; li bih ġie ammess jintervjeni '*in statu et terminis*' l-Onorevoli Avukat Louis Galea fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ta' l-14 ta' Awissu, 1987, li biha ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' l-intimati u l-oħra tar-rikorrenti li ġà ssemmew u ċaħdet it-talbiet ikkontenuti fir-rikors promotur ta' Marie Louise Coleiro fil-kwalità tagħha fuq imsemmija bl-ispejjeż kontra tagħha u dana wara li kkunsidrat:

"Illi mix-xiehda mismugħin waqt il-kawża u mid-dokumenti ħareġ illi fit-8 ta' Awissu, 1987, ir-rikorrenti Marie Louise Coleiro, Segretarja Ġenerali tal-*Malta Labour Party* tat avviż bil-miktub lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija li l-Partit minnha rappreżentat kien sejjer jorganizza *meeting* distrettwali f'Marsalforn, Għawdex, nhar il-Ħadd, 16 ta' Awissu, 1987, bejn

is-siegħa ta' wara nofs in-nhar u d-disgħa ta' fil-għodu; (Dok. D1) dana l-avviż ġie *mwassal bl-idejn fil-Kwartieri Ġenerali tal-*Pulizija, il-Furjana;

"Issa ġara illi fl-24 ta' Lulju, 1987, il-Perit J.F. Dimech President Distrettwali f'Għawdex tal-Partit Nazzjonalista permezz ta' ittra informa lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija illi l-Partit Nazzjonalista kien qiegħed iħejji biex nhar il-Ħadd, 16 ta' Awissu, 1987, bejn l-10.30 a.m. u d-9.30 p.m. Festa *Familja fil-bajja ta' Marsalforn. Intqal fl-istess ittra illi dina l-*attività kienet tinkludi marċi mill-banda tal-partit, kant, varjetà, bejgħ ta' ikel mill-*istalls* u li kellha tingħalaq b'diskors ta' l-għeluq mill-Prim Ministru Dr. E. Fenech Adami. L-ittra ġiet indirizzata l-Għassa tal-Pulizija, ir-Rabat, Għawdex (Dok. G4) ġiet mogħtija f'idejn l-Ispettur Salvu Galea, li huwa l-uffiċjal inkarigat mid-distrett ta' Għawdex u dana wara li għamel il-verifiki neċessarji biex jara jekk kienx hemm attivitajiet oħra kkontemplati minn xi ħaddieħor għal *dik il-ġurnata, ħin u lok, informa lis-*superjuri tiegħu illi min-naħa tad-distrett ta' Għawdex ma kienx hemm oġġezzjoni li l-attività ssir. L-approvazzjoni għal din l-attività ngħatat mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Paul Attard fil-5 ta' Awissu, 1987, il-*file* relattiv ġie mibgħut Għawdex għand l-Ispettur Galea, u dana għall-ħabta tas-6 ta' fil-għaxija tas-6 ta' Awissu, 1987, informa lill-Perit Dimech illi l-Pulizija kienet tat l-approvazzjoni biex il-Festa Familja tista' ssir. L-informazzjoni ngħatat bil-kliem u permess bil-miktub baqa' sallum mhux ikkonsenjat lill-Partit Nazzjonalista. (Ara xiehda Spettur Salvu Galea u Assistent Kummissarju Pawlu Attard)";

"L-Avukat Austin Gatt ġie nfurmat li l-permess tal-Pulizija kien ġie maħruġ u wara huwa kiteb lis-Superintendent tal-Pulizija Nikol Cutajar biex jinformah dwar id-dettalji ta' l-attivitajiet

li l-Partit Nazzjonalista kien beħsiebu jżomm waqt il-festa. Dina l-ittra nkitbet għaliex kienet qamet kwistjoni ma' l-istess Superintendent Cutajar, (li huwa s-Superintendent inkarikat mill-materji illi għandhom x'jaqsmu ma' *Meetings)* jekk waqt il-festa kienx sejjer jitkellem l-Avukat Fenech Adami u jekk allura l-attività kellhiex tiġi kkunsidrata bħala *public meeting.* L-ittra ma ssemmix li fl-attività kif inkitbet biex l-Avukat Gatt jikkonferma dak li kien qal bil-kliem lill-istess Superintendent Cutajar u ċjoè li ma kienx hemm ebda ħsieb li Dottor Eddie Fenech Adami kellu jitkellem. Dana x-xhud qal ukoll illi lis-Superintendent Cutajar kien qallu illi l-permess kien diġà ħareġ; u kompla jgħid illi fil-prattika ġieli jiġri illi permessi bħal dawn jinħarġu bil-miktub mill-Pulizija anke wara li tkun saret l-attività stess, però dejjem wara li dak li jkun, ikun ġie infurmat bil-kliem minn qabel illi kollox kien sewwa'';

''Kien wara danakollu illi sar l-avviż imsemmi illi l-Partit tal-Ħaddiem kien beħsiebu jżomm il-*meeting* fis-16 ta' Awissu, 1987, f'Marsalforn'';

''L-intimat Kummissarju tal-Pulizija, wara li kienu saru diversi talbiet mir-rikorrenti biex tiġi infurmata bid-deċiżjoni li setgħet ittieħdet fuq l-avviż tagħha tat-8 ta' Awissu, 1987, fit-12 ta' Awissu, 1987, permezz ta' ittra mwassla għand ir-rikorrenti wara nofs in-nhar, bagħat jgħidilha fost ħwejjeġ oħra illi:

''Peress illi fil-post li trid li jsir il-*meeting''* ser ikun hemm festa pubblika, il-''*meeting''* ma jistax isir f'dik il-ġurnata, ħin u post minnek indikati'';

''fl-aħħar ta' l-ittra l-Kummissarja tal-Pulizija qalilha wkoll dana li ġej:

"Jiena ppreparat, kompatibilment mad-doveri fuq imposti mil-liġi, li nikkonsidra pożittivament avviż ta' "*meeting*" f'post ieħor, inkluż Għawdex, jekk dana jsir da parti tal-partit tiegħek";

"Dina l-ittra ġiet riċevuta mir-rikorrenti ftit sigħat wara li hija fetħet il-kawża tallum";

"Dawna huma, fil-qosor ħafna, il-fatti li fuqhom hija *bbażata l-azzjoni tar-rikorrenti*";

Illi għal dak li hija liġi, l-Ordinanza dwar il-*Meetings* Pubbliċi (Kapitolu 108 tal-Liġijiet ta' Malta) fl-artikolu 3 jgħid illi kull ċittadin ta' Malta li jkollu l-kwalifiki meħtieġa mil-liġi sabiex jista' jkun elettur jista' jagħmel *meeting* pubbliku kemm-il darba:

1. Huwa jagħti avviż tiegħu lill-Kummissarju tal-Pulizija mhux iżjed minn tmint ijiem u mhux anqas minn tmienja u erbgħin siegħa qabel il-*meeting;*

2. L-istess avviż jiġi kkonsenjat bl-idejn fl-uffiċċju li jsemmi l-istess artikolu; u

3. Fil-ħinijiet stabbiliti fl-istess artikolu";

"L-artikolu 7 ta' l-istess liġi mbagħad jiddisponi illi l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jordna li l-*meeting* pubbliku msemmi f'dak l-avviż isir f'post ieħor li ma jkunx dak imsemmi fl-avviż u jista' jordna wkoll li dak il-*meeting* ma jsirx f'dik il-ġurnata li fiha, fil-post fejn ikollu jsir il-*meeting,* għandu jkun hemm xi ċerimonja jew festa pubblika";

"Taħt l-Ordinanza dwar il-*Meetings* Pubbliċi ma hemm xejn li jgħid li biex tinżamm attività oħra (li ma tkunx tikkwalifika bħala *'meeting'* jew *'meeting* pubbliku' kif definit fl-artikolu 2), hemm bżonn li jingħata avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija kif hemm impost għall-*meetings* pubbliċi fl-artikolu 3 msemmi. Għalhekk għal ċerta attività pubblika, bħal ma hija per eżempju, festa tal-kant, laqgħa sportiva, fiera, festa tal-familja, u festi oħra ta' dina x-xorta, illi wieħed jikteb lill-Kummissarju f'xi żmien bejn tmint ijiem u tmienja u erbgħin siegħa qabel dina l-attività, u għalhekk wieħed jista' jitlob għall-permessi biex tinżamm dina l-attività (permessi rikjesti minn liġijiet oħra) anke minn ġimgħa qabel il-ġurnata li fiha tkun sejra tinżamm l-attività";

"Għalhekk għall-avviż tal-Partit Nazzjonalista magħmul bl-ittra ta' l-24 ta' Lulju, 1987 biex tinżamm il-Festa Familja f'Marsalforn fis-16 ta' Awissu, 1987, ma kienx hemm bżonn li min għamilha jistenna sakemm tilħaq it-tmien ġurnata qabel is-16 ta' Awissu. U, kif irriżulta mill-provi ta' spiss jiġri illi talbiet bħal dawna jiġu aċċettati f'xi żmien ferm qabel id-data ta' l-istess attività";

"Huwa veru illi dina s-sitwazzjoni tal-liġi tista' ġġib xi diffikultà fir-regolament u proċessar mill-awtorità kompetenti ta' avviżi ta' dina x-xorta – wieħed irid isir fi żmien speċifiku u l-ieħor jista' jsir f'kull żmien; u proprju minħabba dina d-diffikultà l-Onor. Avukat Karmenu Mifsud Bonnici, meta kien għadu jokkupa l-kariga ta' Ministru responsabbli mill-Pulizija, kien ta direttiva illi l-Pulizija ma jiħdux deċiżjojni dwar avviżi li jirriferixxu għal attivitajiet li ma jkunux *meetings* qabel ma jkunu raw jekk, għall-ġurnata intiża għall-attività ta' dina x-xorta, ikunx sar xi avviż ta' *meeting* pubbliku għal dina l-istess ġurnata. B'danakollu, mill-provi mressqa quddiem dina l-Qorti

ma jidhirx li dina d-direttiva waslet fejn kellha tasal; għalhekk *illum jista' jiġri*, u ta' *spiss jiġri, illi min ikun irid iżomm meeting* pubbliku (u allura ma jistax jagħti avviż qabel it-tmint ijiem li ssemmew) isib il-ġurnata li fiha jkun irid iżomm il-*meeting*, gà ġiet meħuda minn ħaddieħor, b'permess ta' l-Awtorità maħruġ, f'xi każi, anke qabel ma seta' ngħata l-avviż minnu dwar il-*meeting*'';

''U proprju għall-każijiet bħal dawn tiġi tapplika dik il-parti ta' *l-artikolu 7(1) tal-Kap. 108 fejn jingħad illi l-Kummissarju* tal-Pulizija jista' jordna li *meeting* pubbliku ma jsirx fil-ġurnata msemmija fl-avviż meta jkun sejjer ikun hemm xi ċerimonja jew xi attività bħal ma hija festa pubblika'';

''Hekk ġara fil-każ tallum; il-permess ossija approvazzjoni illi tinżamm il-Festa Familja f'Marsalforn ingħata fil-5 ta' Awissu, u ġie kkomunikat lill-Partit Nazzjonalista fis-6 ta' Awissu, *1987*; jiġifieri qabel ma setgħet, *skond il-liġi, ir-rikorrenti* tagħti l-avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija illi l-Partit tal-Ħaddiema ried iżomm il-*meeting* pubbliku f'Marsalforn fis-16 ta' Awissu, 1987. U din kienet ir-raġuni msemmija fl-ittra tat-12 ta' Awissu, 1987, li l-Kummissarju tal-Pulizija ta lir-rikorrenti għaliex il-*meeting* tal-Partit tal-Ħaddiema ma setax isir Marsalforn fil-ġurnata u ħin li riedet l-istess rikorrenti'';

''Fil-fehma tal-Qorti dana l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizja seta' jsir minnu fid-diskrezzjoni lilu mogħtija mil-liġi fl-imsemmi artikolu 7(1) ta' l-Ordinanza dwar il-*Meetings* Pubbliċi'';

''Ċertament dana l-aġir ma jista' qatt jitqies diskriminatorju fis-sens ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif tippretendi r-rikorrenti. Ma hemm ebda prova li turi li l-Kummissarju tal-

Pulizija għamel mal-Partit tal-Ħaddiema f'dan il-każ xi ħaġa li ma kienx jagħmel ma' partit ieħor li kieku l-permess biex issir festa bħal dik imsemmija Festa Familja, kienet sejra ssir mill-Partit tal-Ħaddiema li jkun mogħti l-permessi li jżomm il-festa qabel ma dan il-ħaddieħor ikun biss laħaq ta avviż biex iżomm *meeting*'';

''Għal dawk li huma l-ilmenti tar-rikorrenti hija fir-rigward tagħha fil-kwalità ġà indikata, ġew miksura d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu ta' l-għaqda u assoċjazzjoni u ta' libertà ta' espressjoni msemmija fl-artikoli 42, u 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Qorti għandha fl-ewwel lok imsemmi illi ħadd mill-intimati ma qiegħed jippretendi, (jew jista' legalment jippretendi) illi r-rikorrenti dana d-dritt ma għandhiex. Il-Kummissarju tal-Pulizija stess wera ruħu pront li jikkonsidra favorevolment avviż li r-rikorrenti tkun trid tagħmel biex il-Partit tal-Ħaddiema jagħmel il-*meeting* pubbliku, fl-istess ġurnata u ħin ta' qabel, fi kwalunkwe post ieħor anke f'Għawdex li ma jkunx Marsalforn'';

''Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-awtorità responsabbli għaż-żamma tal-buon ordni fil-pajjiż, ma riedx biss li jiġri li partitarji ta' żewġ partiti politiċi differenti jiltaqgħu fl-istess ħin u fl-istess post biex igawdu l-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni tagħhom u kull dritt ieħor fundamentali ta' l-individwu li jista' jkollhom, u b'hekk tinħoloq il-probabilità tal-ksur tal-buon ordni, kif sfortunatament seta' ġara f'xi okkażjoni meta partitarji ta' partit wieħed jiltaqgħu ma' dawk ta' partit ieħor. Ma hemmx għalfejn wieħed isemmi illi l-Kodiċi Kriminali stess, fl-ewwel artikolu li jittratta dwar id-dmirijiet tal-Pulizija Esekuttiva jsemmi li ''huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni pubbliku u li ma tħallix li jsiru reati'';

"L-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija għandu wkoll jitqies li kien intiż biex ma jiġux miksura d-drittijiet tal-partitarji Nazzjonalisti u ta' kull persuna oħra li jattendu għall-Festa Familja, approva li ssir mill-awtorità kompetenti, u biex ma tintilifx il-libertà ta' assoċjazzjoni tagħhom";

"U fuq dana għandu jingħad ukoll illi dana l-istess aġir jittieħed mill-awtorità kollha fejn tirrenja d-demokrazija meta jiġu biex iwarrbu l-possibilità tal-ksur tal-buon ordni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor. L-istorja moderna tal-pajjiżi demokratiċi hija mimlija b'każi ta' miżuri ta' prevenzjoni simili għal dak il-każ tal-lum";

"Dana tallum huwa każ fejn wieħed ma jistax ma jirrealizzax illi li kieku kellhom jitħallew li jsiru kemm il-Festa Familja kif ukoll il-*meeting* pubbliku msemmi, il-buon ordni żgur li kien jinkiser, u l-prova ta' dana l-Qorti taraha fil-fatt stess illi n-nies taż-żewġ partiti jkunu sabu ruħhom fl-istess post u fl-istess ħin";

"Għalhekk il-Qorti ma ssibx illi d-drittijet u libertajiet fundamentali ta' l-Individwu fuq imsemmija ġew miksura mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija";

"Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni illi l-intimat Ministru ta' l-Intern għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju illi minħabba dak li hemm ikkontemplat fl-artikolu 6(ċ) ta' l-Att ta' l-1975, dwar l-Interpretazzjoni, dina l-eċċezzjoni ma għandhiex tiġi milqugħa";

"Ikkunsidrat dwar l-ewwel eċċezzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tar-risposta ulterjuri tal-Kummissarju tal-Pulizija illi

dana l-intimat kien ġà għadda biex jagħti l-eċċezzjonijiet tiegħu fuq diversi vertenzi ta' dina l-kawża fl-ewwel risposta tiegħu għar-rikors u barra minn hekk wara li ngħatat l-eċċezzjoni l-proċedimenti bdew jiġu kondotti minn avukat ieħor li għalih l-eċċezzjoni ma kinitx diretta'';

''Ikkunsidrat dwar in-nullità tar-rikors ta' l-intervenjent in kawża li ġiet issollevata illi ma ġiex ippruvat illi r-rikorrenti Onorevoli Galea ma għadux jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista; il-provi jwasslu biex juru biss illi ċerti dmirijiet li kien jaqdi l-istess Onorevoli Galea llum qegħdin jiġu moqdija mix-xhud Avukat Austin Gatt li kkwalifika irruħu bħala Aġent Segretarju Ġenerali, li ma jfissirx ir-rappresentanza tal-partit issa għaddiet fuq dan ta' l-aħħar'';

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Viċi Prim Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet dwar in-nullità tar-rikors promotur ippreżentat minn Marie Louise Coleiro fit-12 ta' Awissu, 1987 u fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni illi l-esponent viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja hu kompletament estraneju għall-kawża u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju u minflok tilqa' l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet u tikkonfermaha fil-kumplament tagħha fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti Marie Louise Coleiro bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

Rat ir-risposta ta' l-Appell ta' Marie Louise Coleiro *nomine* għall-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja li biha ssottomettiet li l-appell ta' l-intimati għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż u dawk il-partijiet

tas-sentenza *de quo* li jiċħdu l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati, għandhom jiġu kkonfermati;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Marie Louise Coleiro għannom u in rappresentanza tal-*Malta Labour Party* li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tilqa' t-talbiet tagħha *nomine;* (2) tilqa' l-eċċezzjoni tagħha *nomine di fronte* ta' l-Onorevoli Dottor Louis Galea *nomine* u (3) tikkonferma dawk il-partijiet tas-sentenza msemmija fejn hemm miċħuda l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija li ma jirrigwardawx it-talbiet u ċjoè l-eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nullità tar-rikors promotur u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-intimat Ministru ta' l-Intern, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati appellati Kummissarju tal-Pulizija u Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja li biha ssottomettew illi s-sentenza appellata fejn ċaħdet it-talbiet ikkontenuti fir-rikors ta' Marie Louise Coleiro *nomine* tat-12 ta' Awissu, 1987, hija korretta u timmerita konferma fl-interess tagħhqa f'dan ir-rigward, kemm f'dawk li huma apprezzament tal-provi dwar il-fatti kif ukoll dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-punti legali ssollevati u għalhekk l-appell ta' Marie Louise Coleiro għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra tagħha u l-imsemmija sentenza tiġi rriformata biss kif mitlub fir-rikors ta' l-appell ippreżentat minnhom dak in-nhar stess u ċjoè illi tiġi l-ewwel sentenza kkonfermata fejn ċaħdet it-talbiet kollha ta' Marie Louise Coleiro u għandha tiġi rriformata biss fejn ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tagħhom fejn ġiet eċċepita n-nullità tar-rikors promotur ta' l-istess Marie Louise Coleiro *nomine* u fejn ġiet mitluba l-liberazzjoni mill-osservanza tal-

ġudizzju ta' l-intimat Onor. Viċi Prim Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmija Marie Louise Coleiro *nomine;*

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tar-rikorrenti u ta' l-intimati;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża saru żewġ appelli u għall-finijiet ta' konvenjenza l-ewwel li ser jiġi kkunsidrat u deċiż huwa l-appell interpost mill-intimati, ċjoè dak li jirrigwarda l-allegata nullità tar-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju u t-talba ta' l-istess intimati għal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju ta' l-intimat Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja;

Kwantu għall-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ kwistjonijiet hekk issollevati, il-Qorti ma tarax li tista' tagħmel ħaġ'oħra ħlief li taqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-eċċezzjoni relattiva ġiet mogħtija mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija wara li dan "kien ġà għadda biex jagħti l-eċċezzjonijiet tiegħu fuq diversi vertenzi ta' din il-kawża fl-ewwel risposta tiegħu", u għalhekk dik l-eċċezzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata fit-termini ta' l-artikolu 789(2) tal-Kap. 12;

Kwantu għall-eċċezzjoni l-oħra riferibilment għal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju ta' l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u l-Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, għap-parti mill-konsiderazzjoni li dan l-imsemmi Ministru għandu

evidentement interess fl-eżitu ta' l-azzjoni odjerna, fil-fehma tal-Qorti l-eċċezzjoni relattiva ma tistax tiġi akkolta anke għab-bażi ta' dak li jiddisponi l-art. 6(ċ) ta' l-Att VII ta' l-1975;

Għal dawk li jirrigwarda dan l-appell ta' l-intimati jidher li l-istess appell mhux fondat u għalhekk ma jistax jiġi akkolt;

Fir-rigward ta' l-appell interpost mir-rikorrenti, l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni li minnha sar l-appell preżenti wara li semgħet "*viva voce*" x-xiehda prodotti mill-partijiet u eżaminat id-dokumenti esibiti. Din il-Qorti wara li eżaminat dettaljatament dawn l-istess provi, tasal għall-konklużjoni li d-deskrizzjoni tal-fatt li wasslu għal dawn il-proċeduri, kif magħmula mill-Ewwel Qorti, tirrifletti korrettament dak li effettivament jemerġi mill-istess provi u għalhekk mhux il-każ li din il-Qorti terġa' telenkhom;

Għal dak li jirrigwarda l-posizzjoni legali, ir-rikorrenti appellanti qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha fuq l-allegata vjolazzjoni tad-dritt ta' protezzjoni ta' libertà ta' espressjoni, ikkontemplat fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, tad-dritt ta' protezzjoni tal-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni, ikkontemplat fl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u tad-dritt ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni, ikkontemplat fl-artikolu 45 ta' l-istess Kostituzzjoni;

In sostenn tat-talba tagħha r-rikorrenti appellanti tissottometti illi l-applikazzjoni tal-Partit Nazzjonalista ta' l-24 ta' Lulju, 1987 ma kinitx għal festa, iżda għal *meeting* u għahekk, fit-termini ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 108, ma setgħetx tiġi milqugħa. Mill-qari ta' l-ittra ta' l-24 ta' Lulju, 1987, mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-Perit Joseph Dimech, bħala

President Distrettwali tal-Partit, jidher li fis-16 ta' Awissu, 1987, kellu jkun hemm ukoll fost ħafna ħwejjeġ oħra "diskors ta' l-għeluq mill-Prim Ministru Dr. E. Fenech Adami", u għalhekk seta' jkun hemm dubju jekk l-attivitajiet li għalihom kienet tirriferixxi dik l-ittra kinux jammontaw għal "*meeting* pubbliku" kif iddefinit fl-artikolu 2 tal-Kap. 108;

Wieħed ma jistax jinjora l-fatt, però, li f'ittra sussegwenti tas-6 ta' Awissu, 1987, Dr. Austin Gatt, bħala Aġent Segretarju tal-Partit Nazzjonalista, elenka lill-awtoritajiet tal-Pulizija l-attivitajiet li kellhom fil-fatt isiru, f'liema attivitajiet ma ġiex inkluż id-diskors fuq imsemmi tal-Prim Ministru, u għalhekk kull dubju jekk l-attivitajiet tas-16 ta' Awissu, 1987, setgħux jiġu kkwalifikati bħala *meeting* pubbliku ġie ċertament eleminat. Mix-xiehda ta' Dr. Gatt jidher li dana sar appożitament wara li s-Superintendent Cutajar, kien verbalment qajjem diffikultà ma' l-istess Dr. Gatt dwar jekk id-diskors ta' l-għeluq ta' Dr. Fenech Adami, oriġinarjament imsemmi fl-ittra tal-Perit Dimech ta' l-24 ta' Lulju, 1987, kienx jagħmel l-okkażjoni tammonta għal *meeting* pubbliku, u Dr. Gatt qabel verbalment (u sussegwentement ikkonferma bl-imsemmija ittra tas-6 ta' Awissu, 1987) ma' l-imsemmi Superintendent li ma kien se jsir l-ebda diskors;

Dana kollu juri li meta ġiet approvata t-talba tal-Partit Nazzjonalista għall-attivitajiet f'Marsalforn fis-16 ta' Awissu, 1987, kienet l-istess Pulizija li ħadet il-prekawzjoni li l-attivitajiet li kienu qegħdin jiġu approvati ma kinux jinkludu *meeting* pubbliku;

F'dan ir-rigward ma jistax jingħad li, kif tallega l-appellanti fir-rikors tagħha ta' l-appell, kien hemm xi kollużjoni bejn il-

Partit Nazzjonalista u l-Pulizija biex tiġi sfrattata ż-żamma tal-*meeting* tal-*Malta Labour Party* minnha mitluba, għas-sempliċi raġuni li l-avviż għall-*meeting* tal-*Malta Labour Party* ġie mogħti fit-8 ta' Awissu, 1987, ċjoè wara li diġà kienet ġiet approvata l-applikazzjoni tal-Partit Nazzjonalista kif ingħad fuq;

Għandu jiżdied, u dana inkwantu għal dak li jingħad fir-rikors ta' l-appell, li l-ebda argument ma jista' validament jinġieb mill-appellanti fis-sens li, kif minnha allegat, f'okkażjonijiet oħra preċedenti ta' festi miżmuma minn partiti politiċi dejjem saru diskorsi minn mexxejja politiċi. Jekk sar hekk, dan sar bi ksur tal-liġi u tal-permess mogħti;

Mill-kumpless tal-provi, għalhekk, jirriżulta li fil-każ preżenti ma jistax jingħad li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija mir-rikorrenti. Kull ma għamel l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien li rrikorra għall-artikolu 7 tal-Kap. 108, (li l-Kostituzzjonalità tiegħu mhix qiegħda tiġi bl-ebda mod ikkontestata) bla ma ppriva lir-rikorrenti appellanti mid-drittijiet tagħha stabbiliti fil-Kostituzzjoni, ċjoè dak tal-libertà ta' espressjoni u libertà ta' assoċjazzjoni. Dana joħroġ b'mod l-iżjed ċar mill-ittra tal-Kurunell John Spiteri tat-12 ta' Awissu, 1987, speċjalment l-aħħar parti tagħha;

Kwantu għall-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, fil-każ preżenti ma setax kien hemm diskriminazzjoni l-għaliex meta ġiet approvata t-talba tal-Partit Nazzjonalista għall-"Festa Familja" ma kienx hemm l-ebda avviż jew applikazzjoni oħra;

Fl-aħħarnett, kwantu għal dak li tissottometti r-rikorrenti appellanti dwar in-nullità tar-rikors ta' l-intervenjent fil-kawża, din il-Qorti ma għandha xejn x'iżżid ma' dak li qalet l-Ewwel

Qorti f'dan ir-rigward;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi miż-żewġ appelli billi tiċħad l-appell ta' l-intimati, bl-ispejjeż relattivi kontra tagħhom, u tiċħad ukoll l-appell tar-rikorrenti bl-ispejjeż relattivi kontra tagħha, u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.